31980R2940

14.11.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 305/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2940/80

tat-13 ta' Novembru 1980

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1963/79 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rifużjoni tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura ta' ċertu ikel ippriservat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1917/80 [2],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2749/78 tat-23 ta' Novembru 1978 dwar kummerċ fiż-żjut u x-xaħmijiet bejn il-Komunità u l-Greċja [3],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 591/79 tas-26 ta' Marzu 1979 li jistabbilixxi regoli ġenerali rigward ir-rifużjoni tal-produzzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa użat fil-manifattura ta' ċertu ikel ippriservat [4], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi l-Artikoli 4 (1) u 5 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 591/79 jipprovdu li żejt taż-żebbuġa prodott fil-Komunità u użat fil-manifattura ta' prodotti preservati għandu jikkwalifika għal rifużjoni ta' produzzjoni flimkien ma' l-ammont tal-għajnuna tal-konsum validu fil-jum ta' l-implimentazzjoni tar-rifużjoni;

Billi żejt taż-żebbuġa ta' oriġini tal-Komunità użat fil-manifattura ta' prodotti preservati u mixtri minn manifatturi f'pakketti b'kontenut nett li ma jaqbiżx ħames litri kkwalifika għall-għajnuna tal-konsum, msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament 136/66/KEE; billi, skond dan, żejt taż-żebbuġa prodott biss fil-Komunità u mixtri fi kwantità kbira minn manifattur tal-priservi jista' jikkwalifika għall-ammont ta' rifużjoni ta' produzzjoni msemmija fl-Artikoli 4 (1) u 5 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 591/79; billi r-Regolament (KEE) Nru 1963/79 [5] għandu jiġi emendat skond dan;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għaż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1963/79 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-punt (a) jaqra kif ġej:
   "(a) il-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa, imqassma b'oriġini u presentazzjoni, miġjuba fil-fabbrika;"
2. L-Artikolu 9 (a) li ġej huwa miżjud:
   "*Artikolu 9 (a)*

   Għall-iskopijiet tal-kalkolu ta' l-ammont tar-rifużjoni, id-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4 (1) jew ta' l-Artikolu 5 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 591/79 għandhom japplikaw biss jekk iż-żejt taż-żebbuġa wżat fil-manifattura tal-priservi ġie prodott fil-Komunità u mixtri mill-manifattur f'pakketti b'kontenut nett li jaqbeż il-ħames litri."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jibda' jseħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Novembru 1980.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

---

[1] ĠU L 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 186, tad-19.7.1980, p. 1.
[3] ĠU L 331, tat-28.11.1978, p. 1.
[4] ĠUL 78, tat-30.3.1979, p. 2.
[5] ĠU L 227, tas-7.9.1979, p. 10.